MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1183/2003

**Karl Calleja (nru. tal-karta ta’ l-identita’ 621458M), Dorothy Calleja armla ta’ Alfred Calleja (nru. tal-karta ta’ l-identita 427836m), Ingrid Gruppetta (nru. tal-karta ta’ l-identita’ 530060m) mart Dottor Anthony Gruppetta u l-istess Dottor Anthony Gruppetta (nru. tal-karta ta’ l-identita’ 461159M).**

vs

**Dr Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati b’digriet tal-Qorti tat-12 ta’ Dicembru, 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Andrew H. Vaswani**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta’ attrici ppremettiet li l-atturi huma kredituri tal-konvenut ghas-somma ta’ disgha u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm29,000) import ta’ tliet

kambjali li mmaturaw u ghadhom ma thallsux (kopja tal-kambjali esebita bhala Dok A);

Ippremettew illi l-konvenut, ghalkemm interpellat biex ihallas, inkluz b'ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru, 2003 baqa' inadempjenti (Dokument B);

Ippremettew illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-artikli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civii, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta' l-atturi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'iressaq kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Talbu ghalhekk biex il-konvenuti nomine ghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, ghar-ragunijiet premessi:

(1) tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili;

(2) tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi ghas-somma ta' disgha u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm29,000) import ta' tliet kambjali skaduti li ghadhom ma thallsux konsegwentement;

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas l-imsemmija somma ta' disgha u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm29,000);

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru, 2003, u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjalijiet sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti nomine li naqsu li jipprezentaw in-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat li l-konvenut ma ressaqx talba biex jikkontesta l-kawza u dan peress li l-konvenut ma ikkomunikax mal-kuratur mahtur biex jirraprezentah;

Semghet ix-xhieda ta’ l-atturi;

Semghet l-Avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------